KLR 40/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2008 fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-Viċi Sindku Victor Galea Pace, u l-membri Joseph Debrincat, Josef Schembri, Marcel Tabone, Josephine Cassar u Michel Buttiġieġ u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Il-kunsillier Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni li s-Soċjeta' Filarmonika Leone għada ma bagħtitx risposta għall-ittra li bgħat is-Sindku li kienet turi ċar il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-kawżi li kien hemm il-Qorti t'Għawdex fuq kwistjonijiet li nqgħalu fl-14 ta' Awwissu 2008. L-ittra tas-Sindku kienet datata 2 ta' Ottubru 2008. Il-kunsillier Buttiġieġ għadu mhux qed jiġi mistieden għall-attivtajiet organiżżati minn din is-Soċjeta'. Il-membri qablu li qabel ma tintbgħat ir-risposta, il-Kunsill mhux ser jikkunsidra korrispondenza oħra minn tas-Soċjeta' Filarmonika Leone. Il-kunsillier Debrincat ġibed l-attenzjoni li bħal ma ġara f'każijiet oħra, il-Kunsill għandu jaġixxi kif aġixxa fil-passat.

1.2 Dwar il-permessi temporanji li jinħarġu għall-Żona A lill-persuni mhux residenti u li jkunu qed jikru post għall-ftit ġranet, il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' l-MTA li juri li sid il-post għandu l-permess jikri l-propjeta' tiegħu.

1.3 Dwar il-ħaddiem ta' l-IPSL, is-Sur Joseph Curmi, il-membri qablu li l-Kunsill jgħarraf lid-Direttur għal Gvern Lokali li l-Kunsill xorta jrid il-bdil ta' dan il-ħaddiem.

1.4 Fil-*playing field* taċ-Ċawla hemm parti milli saret ġdida li qed iżżomm l-ilma u tarf ta' bankina li għadu mhux irfinut. Dawn għandhom jitranġaw qabel jiġi approvat il-kont tax-xogħol li sar fil-parti l-ġdida ta'din il-*playing field*.

1.5 Is-Sinkdu għarraf lill-membri li għadu qed jistenna r-rapport ta' *traffic management* maħruġ mill-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) fuq ir-Rabat.

1.6 Dwar *double yellow line* li għandu jsir quddiem 61, Triq Alfons Maria Ħili, il-membri qablu li dan isir minħabba l-fatt li quddiem din id-dar hemm bankina u jekk

tipparkja vettura, l-aċċess għat-triq jingħalaq kompletament għat-traffiku. Diġa' nħareġ il-permess ta' l-ADT.

## 2. Mozzjonijet f'isem il-membri

Mozzjoni numru 120 ġiet imressqa mill-kunsillier Marcel Tabone u ssekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Mozzjoni numru 120**

**Permezz ta' din il-mozzjoni qiegħed nitlob li jsir pjan konġunt għal Triq taħt Putrijal u l-*Bus Terminus*, bejn il-Kunsill Lokali, l-ADT, l-Ministeru għal-Għawdex u l-MTA biex isir żvilupp modern u adegwat f'din il-parti sabiex tiġi *upgraded* u ma titħalliex fl-istat żdingat kif inhi bħalissa.**

**Nipproponi li:-**

- **Ssir tinda jew tinbena *waiting room* bil-bankijiet puliti fejn dak li jkun jistenna bil-kumdita' kollha mingħajr ma jkun affettwat mill-klima naturali;**
- **il-*bus lanes* tal-karozzi tal-linja/*coaches* għandhom jiġu aġġustati skond il-ħtieġa;**
- **titpoġġa *vending machine* minn fejn wieħed ikun jista' jixtri l-biljetti tal-*buses;***
- **isir uffiċċju nformattiv mmexxi minn l-ADT.**

**Rigward Triq Taħt Puritjal, nitlob li l-bankina ta' mal-*playing field* tinqala' u ssir bil-profido u jsir speċi ta' belvedere bil-bankijiet. In-naħa l-oħra għandha ssir pariġġ.**

**Irridu niftakru li din il-parti tar-Rabat hi l-*landing point* ta' l-Għawdxin, Maltin u turisti meta anke' ftit l-isfel hemm l-uniku parkeġġ kbir li hawn fir-Rabat. L-ewwel impressjoni li qed nagħtu lill-barranin mhix sabieħa meta jaraw l-istat li jinsab fih dan il-post.**

**Għaldaqstant nitlob lill-Kunsill biex permezz ta' din il-mozzjoni jinbdew il-proċeduri ħalli jitewettaq ix-xogħol kollu meħtieġ.**

Is-Sindku ssuġerixxa li ssir laqgħa nhar il-12 ta' Novembru 2008 fl-10.00 ta' filgħodu fl-uffiċċju tal-Kunsill flimkien ma' rappreżentanti mill-Awtoritajiet imsemmija hawn fuq biex tiġi diskussa f'iktar dettal il-materja. Il-membri qabblu unanimament.

Mozzjonijiet numri 121, 122 u 123 ġew imressqa mill-kunsillier Debrincat u ssekondati mill-kunsilliera Marcel Tabone, Josephine Cassar u Michel Buttiġieġ rispettivament.

**Mozzjoni numru 121**

**Permezz ta' din il-mozzjoni nitlob lil Kunsill biex sqaq żgħir li qiegħed fi Triq De Soldanis (fejn hemm il-ħanut tal-lira) isir bil-profido meta jibda' x-xogħol ta' sqaq ieħor fl-istess triq ta' mozzjoni li kienet saret u għaddiet u liema mozzjoni kienet iġġib in-numru 28 datata 26/07/2006.**

Il-proponent żied jgħid li jkun xieraq li l-isqaq imsemmi jsir ma dak li diġa' ġie approvat f'Lulju ta' l-2006, b'hekk l-isqaqien kollha ta' din it-triq ikunu miksija bil-profido. Is-Seg. Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu problema ta' finanzi u jrid joqgħod attent u jara x'inhuma l-prioritajiet. Kif jidher mill-kotba tas-sena finanzjarja li għaddiet, liema rapport ġie approvat mill-Kunsill fil-laqgħa KLR 35 datata 19 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill għandu *deficit* finanzjarju. Għalhekk is-Seg. Eżekuttiva reġgħet fakkret lill-membri tal-Kunsill li fil-laqghat KLR 37 datata 30 ta' Lulju 2008 u KLR 39 datata 1 ta' Ottubru 2008, fejn kien sar qbil li l-Kunsill joqgħod ma dawn il-prioritajiet sakemm is-sitwazzjoni finanzjarja terġa tiġi an normal.

**Mozzjoni numru 122**

**Meta l-Kunsill preċedenti kien għamel l-ewwel parti ta' Triq il-Mitħna bit-tarmak, tkissret parti mill-bankina ta' quddiem ir-residenza numru 4. Din tkissret bl-inġenji li kienu jaħdmu fit-triq. Dak in-nhar kien sar rapport lill-Kunsill biex din l-istess bankina tiġi rranġata. Il-ħsara ma tranġatx forsi minħabba l-fatt li f'dak iż-żmien din id-dar kienet inabitata. L-istess sidien talbuni biex il-bankina titranġa għal fatt li issa hemm xi familjari joqgħodu fiha. Għaldaqstant nitlob biex jinbidel jew jitranġaw l-ħsarat tal-bankina.**

Il-membri qablu li jitranġaw il-ħsarat tal-bankina.

**Mozzjoni numru 123**

**Ġejt avviċinat minn żewġ residenti li joqgħodu fi triq ġdida fi Triq Wied is-Seqer biex meta din tingħata t-tarmak din l-istess biċċa triq tingħata wkoll kisja tarmak. Għahdaqstant permezz ta' din il-mozzjoni nitlob li jew, (i) issir talba lill-Ministeru għal Għawdex biex dan iħallas l-ispejjes li l-Kunsill jagħmel jekk jiksiha bit-tarmak, jew (ii) li l-istess Kunsill jag]ti t-tarmak ha spejjes tiegħu meta ikun qed jingħata t-tarmak fi Triq Wies is-Seqer.**

Is-Seg. Eżekuttiva għarrfet lill-membri li l-kisi ta' triq ġdida irid isir minn naħħa tal-Gvern Ċentrali, għaldastant il-membri qablu li ssir talba formali lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jieħu ħsieb il-kisi ta' din it-triq.

**3. Pjazza San Ġorġ**

Il-membri qablu li x-xogħol ta' taħmil u kisi jingħata lill-Joe Grima peress li tefa' l-orħos offerta. Il-materjal għandu jinġab mingħand A.F.Ellis (Marble Works) Ltd. u dan ikun granit ċar skond il-mostra li nġabet fl-uffiċċju . Is-Sindku għarraf lill-membri li qed

jintalab 40% depożitu qabel jiġi ordnat il-materjal. Il-membri qablu li dan ma jiġix ordnat qabel il-Kunsill ikollu bil-miktub dwar il-finanzjament mill-fond EIPP tal-MEPA

Is-Seg. Eżekuttiv resqet email mingħand A.F. Ellis fejn infurmat lill-Kunsill li l-prezz li qed toffri għal dan il-materjal hu ta' €117.63 kull metru kwadru, VAT inkluża. Dan ta' ħxuna ta' 7.5 ċentimentri u *bush-hammered finish.* Din l-istima għandha tintbgħat lill-Perit sabiex jikkalkula l-ammont globali skond l-offerta.

Dwar ir-risposta bil-miktub mill-MEPA għall-finazjament ta' dan il-proġett is-Sindku għarraf lill-membri li għadu f'kuntatt mal-Prim Minsitru u mas-Seg. Parlamentari Dr. Chris Said. Dawn huma favorevoli li jiġi approvat li dawn il-fondi jinħarġu mill-MEPA. Hu qara xi *emails* li juru dan. Sadanittant is-Sindku ssuġġerixxa li jintużaw fondi mill-kont fiss li l-Kunsill għandu fil-bank HSBC. Il-membri qablu ma dan u s-Seg. Eżekuttiva ser tivverifa meta dan jista' jsir.

Il-kunsillier Debrincat ġibed l-attenzjoni li biex il-Kunsill ma jidħolx f'aktar spejjes jista' jagħmel funtanta li jkolla l-ilma ħiereġ mill-art. Is-Sindku qal li jibża mill-problema tal-ħamiem jekk ikun hemm ħafna ilma. Il-funtana li ġiet proposta u approvata mill-MEPA ma żżomx ilma fejn jidher. Filfatt l-ilma tagħha jibqa nieżel ġol funtana stess. Is-Seg. Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill irid joħroġ l-offerti biex tkun tista' ssir din il-funtana. Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-artisit John Grima għandu jħejji l-kundizzjonijet speċifiċi sabiex toħroġ l-offerta għal dan ix-xogħol.

Il-kunsillier Buttiġieġ staqsa jekk taħt il-funtana hux ser ikun hemm tarġa. Dan minħabba l-fatt li tkun problema għal-armar tal-festa ta' San Ġorġ. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-funatana ser tkun livell ma' l-art u mhux ser ikun hemm tarġa. Saret diskussjoni kif din il-funtana għandha tkun tinqala' għall-festa ta' San Ġorġ u fejn għandha tintrefa waqt dawn il-ġranet. Il-membri qablu li jiġi suġġerit lill-Għaqda ta' l-Armar San Ġroġ Martri sabiex din tinrefa fil-maħżen tagħhom hekk kif dan il-maħżen ikun vojt peress li l-armar ikun armat għall-festa. Il-membri qablu li jieħdu l-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill sabiex jiġi żgurat li din il-funtana tibqa' titneħħa minn naħħa tal-kunsill kull sena.

**4. Gwardjani Lokali**

Ġew mistiedna jidħlu fil-kamra s-Sur Charles Curmi, *Chief Operating Officer* tal-Kumpanija The Guard and Warden Service House u l-Uffiċċjal Awtorizżat tal-Gwardjani Lokali, s-Sur David Soler. Is-Sindku rringrazzjahom talli aċċettaw li jattendu għal din il-laqgħa.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li mhux dejjem qed isib koperazzjoni sħiħa minn naħħa tal-gwardjani lokali li jiġu mqabbda jagħmlu xogħol addizzjonali mill-Kunsill. Eżempji huma meta tqabbdu jissorveljaw il-Wied ta' Żejta biex ma jkunx hemm tfiegħ illegali ta' skart. Dawn dejjem baqgħu ma qabdu lil ħadd u l-iskart baqa' jiżdied. Inġibdet l-attenzjoni li xi gwardjani lokali qalu li qed jintbgħatu fuq il-monti minħabba li qed isiru rapporti mis-Sindku u mill-kunsilliera Cassar u Buttiġieġ. Din mhix professjonalita' fix-

xogħol ta' dawn il-gwardjani lokali. Inġibdet ukoll l-attenzjoni li ċ-ċitazzjonijet li qed jingħataw ma jvarjawx u l-maġġoranza tagħhom jingħataw fuq iċ-ċtazzjonijiet ta' l-arloġġ. Il-Kunsill qed iħallas ammont sostanzjali u mhux qed jieħu lura l-valur li jħallas.

Is-Sur Charles Curmi qal li l-irwol tal-gwardjani lokali hu l-ewwel il-persważjoni, l-edukazzjoni u mbgħad l-infurzar. Sfortunatament fil-maġġoranza tal-każi l-proċess jinbeda mill-infurzar. Tenna li l-gwardajni lokali ma jgħamlux xogħol investigattiv. Bħalissa qed jingħata t-taħriġ neċessarju lill-gwardjani lokali minn persuni mħarġa mill-ADT. Dwar l-infurzar fuq l-ambjent, il-preżenti ġew mgħarrfa li hu ferm diffiċli li jinħarġu ċitazzjonijiet. Dan minħabba l-fatt li persuna li tikser il-liġi trid tinħakem fil-fatt. Mill-Puilzija, MEPA u gwardjani loklai, huma dawn ta' l-aħħar l-aktar li ħarġu ċitazzjonijet fuq l-ambjent.

Is-Sur David Soler ġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm dejjem bilanċ bejn l-ispiża li s-sistema tal-gwardjani lokali tiġi lill-Kunsill, u l-infurazar.

Inġibet l-attenzjoni li fi Triq Palma qed jidħlu l-vetturi waqt il-ħin tad-duttrina. Dawn qed jidħlu illegalment peress li dak il-ħin Triq Palma tkun mgħaluqa għall-vettrui ħlief tar-residenti.

Is-Sinjuri mistiedna rringrazjaw il-membri tal-Kunsill u ħallew il-kamra.

## 5. Attivita' ta' l-Aħħar tas-Sena

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li kellu laqgħa ma rappreżentanti tal-Marsovin minħabba l-fatt li qed jikkunsidraw li jagħtu *sponsor* għall-attivita' ta' l-lejliet l-aħħar tas-sena. L-i*sponsors* li huma konfermati huma:-Good Causes Fund-€9,000, Coca Cola-€3,500, Charles Grech Co. Ltd.- €5,500. Barra dawn hemm €2,329, li jinġabru mingħand is-sidien tal-ħwienet tax-xorb. Għad trid tasal risposta dwar l-i*sponosrs* mingħand l-HSBC u l-MTA. Saret diskussjoni qasira rigward x'għandha tkun l-attrazzjoni prinċipali. Issemmew l-grupp Mamma Mia u t-*tribute* tal-Cold Play. Jekk jinġabu l-biljetti ta' l-ajru b'xejn mill-MIA u l-kmamar tal-lukanda fejn joqgħodu l-kantanti ta' Mamma Mia, il-Kunsill jikkunsidra li jġib dan il-grupp, liema grupp qed jitlob €9,500 bħala ħlas. Is-Seg. Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li m'għandux jinqabeż l-ammont miġbur mill-i*sponsors* għal din l-attivita'. Il-membri qablu li jaraw xi *sponsors* oħra ser jiġu offruti.

## 6. Attivita' li tikkomemora l-210 anniversarju mit-tkeċċija tal-Franċiżi minn Għawdex.

Is-Sindku għarraf lill-membri li din l-attivita' tista' ssir peress li l-Kunsill mhux ser joħroġ flus minħabba l-fatt li ġab €1,000 mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, €3,000 mill-Good Causes Fund u l-Ministeru għat-Turiżmu ser jieħu ħsieb il-loġistika ta' l-attivita'. Ir-ristorant Maji ser jieħu ħsieb l-ikel tal-parteċipanti u l-Coca Cola ukoll ser toffri *sponsor*. Din ser issir nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru u s-Sibt l-1 ta' Novembru 2008.

**7. Korrispondenza**

Is-Seg. Eżekuttiva resqet din il-korrispondenza mingħand:-

7.1 l-ADT fejn inħareġ il-permess biex:-
7.1.1 fi Triq Patri Ġiaċintu Camenżuli jinżebgħu l-*parking bays* u jeħlu tabelli *Parking for light vehicels only*;
7.1.2 jiġu riservati żewġ parkeġġi, wieħed quddiem l-iskola tal-Vajrinġa u l-ieħor maġenb il-Banca, bejn l-16.15 u l-17.00. Dawn sabiex jintużaw mill-i*schammel* iż-żgħir meta jkun ġabar l-iskart domestiku miċ-ċentru tar-Rabat;
7.1.3 issir *one way* fil-H. E. Taċ-Ċawla;
7.1.4 issir *pedestrian crossing* fi Triq l-Arċisof Pietru Paċe. Kopja ta' dan il-permess għandha tintbgħat lill-Ministeru għal Għawdex peress li din it-triq hi arterja;
7.1.5 issir *Bus Stop* fi Triq Santa Domenika bejn Triq Ċetta Mintoff u Triq Manuel Dimech. Dan il-permess ukoll irid jintbgħat lill-Ministeru għal Għawdex peress li triq Santa Domenika hi arterja;
7.1.6 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' li kien fi Pjazza San Ġorġ jiġi trasferit għal fuq il-latrina maġenb il-Banca;
7.1.7 Triq Ġanni Vassallo temporanjament issir *one way* il-kontra sakemm ikun qed isir ix-xogħol ta' tarmak fi Triq Wied is-Seqer;

7.2 Lisa Bajada għan-nom ta' Mc. Donalds fejn talbet permess biex jintuża parti mill-parkeġġ ta' meġenb l-Arkadia fit-22 ta' Novembru 2008. Il-ħaddiema tal-Mc. Donalds jagħmlu din l-attivta' kull sena bħala ġbir ta' fondi fl-okkażjoni tal-Word Children's Day. Il-membri qablu li jinħareġ il-permess;

7.3 il-MEPA fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li:-
7.3.1 ntbgħatu *stop notices* sabiex jinbena l-ħajt ta' tmin filati f'siti fit-toroq Pawlu Portelli, Ġuże' Labre', Mons. Luiġi Vella, taċ-Ċawla, Tabib Anton Tabone u Pjazzez l-Assedju t'Għawdex u J. F. Kennedy;
7.3.2 d-DCC approvat l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi *upgraded* l-*area* u titwaqqa' l-kiosk u tinbena oħra ġdida u *store*.

7.4 il-Ministeru għar-Riżorsi u għall-Affarijiet Rurali rigward il-kampanja 'Clean up Malta 2008';

7.5 is-Segretarju Privat tal-Prim Ministru rigward il-Banca Giuratale. Din fuq it-talba biex il-binja kollha tgħaddi f'idejn il-Kunsill. Il-Kunsill ġie mgħarraf li hu diffiċli biex tintlaqa' din it-talba peress li f'dan il-bini hemm uffiċini oħra tal-Gvern;

7.6 il-Kumitat Olimpiku Malti dwar l-MOC Sprots Award;

7.7 l-iskola Sekondarja Sir M'Anġelo Refalo fejn wara lil-Kunsill kien kiteb korrispondenza lill-iskejjel kollha sabiex ma joħroġux l-iskart kmieni. Minn naħħa ta'

din l-iskola l-iskart qed jinħareġ tard wara nofs in-nhar, pero' ġie suġġerit li tinġibed l-attenzjoni ta' uffiċini oħra li hemm fl-*area*. Il-membri qablu li tintbgħat l-istess korrispondenza lill-Uffiċċju ta' l-Eżamijiet u lill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni;

7.8 Pawlu Lanzon li joqgħod fi Triq Fortunato Mizzi. Hu talab sabiex jinżebgħu l-*parking bays* fit-toroq Karlu Galea u Kunsill Ċiviku. Dan sabiex ma jinħeliex spazju għall-parkeġġ. Il-membri qablu li dawn jinżebgħu;

7.9 il-Ministeru tas-Saħħa rigward it-tilqim ta' l-Influenza. Il-Kunsill tar-Rabat qatt ma offra dan is-servizz peress li l-Klinika tar-Rabat hi aktar aċċessibbli;

7.10 Abela Pharmacy fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-aċċess għall-klinika ta' din l-ispiżerija m'għandux ikun ostakolat bl-ebda' vetturi pparkjati fi Triq Dun Karl Bondi. Il-membri qablu li l-Kunsill jivverifika jekk Triq Dun Karl Bondi għandiex permess li tkun *no entry except for residents*;

7.11 sidien ta' ħwienet u residenti tat-toroq Aġius De Soldanis u Dun Karl Bondi. Dawn talbu dettali rigward l-allokazzjoni ta' parkeġġi fit-toroq imsemmija. F'dan il-każ, il-Kunsill ħa l-istess deċiżjoni wara li nqrat l-ittra msemmija f' punt 7.10;

7.12 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Interreg IVC Programme 2007-2013.

**8. Materji oħra**

Is-Segretarja Eżekuttiv għarrfet lill-membri li:-

8.1 nħarġu permessi temporanji għall-imwejjed u siġġijiet ta' Daniel Pace ta' 'Eldorado' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier u ta' Joseph Tabone ta' "Coffee Break' fi Triq taħt Putirjal;

8.2 ntalab lill-Ministeru għall-Għawdex biex issir bozza ġdida fi Triq it-Tabib Anton Tabone fil-wesgħa li hemm quddiem il-piċċ tal-boċċi;

8.3 sidien tad-dar 35, Triq Sant Ursola faċċata ta' Triq l-Imgħallem talbu biex jiġi rranġat il-*frame* u l-ħġieġa tan-niċċa li hemm fuq id-dar tagħhom. Il-membri qablu li jiġi mgħarraf il-Perit b'dan;

8.4 sid id-dar aċċettat li l-Kunsill jirranġa n-niċċa tal-Madonna ta' Loreto fi Pjazza San Ġorġ;

8.5 tranġa l-gandott ta' Triq Vajrinġa. Dan bl-istima ta' €815 VAT inkluża. Inġibdet l-attenzjoni li f'xi partijiet minnu hemm xi tumbati. Il-membri qablu li l-Perit għandu jagħati l-veduti tiegħu;

8.6 sid id-dar li magħha ġie suġġerit li teħel bozza ġdida fi Triq Ninu Cremona kantuniera ma Triq Ġuże' Labre' qal li l-post in kwistjoni ser jitwaqqa' fiż-żmien qarib

biex jinbena bini ġdid. Il-membri qablu li l-Kunsill jistaqsi lill-GaleaCurmi kif tista' tinsatab sluzzjoni għan-nuqqas ta' dawl li hemm fl-*area*;

8.7 ntalab permess sabiex Brian Grech jarma l-kiosk tiegħu fil-*weekend* fl-*area* tal-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus*. Il-Kunsill għandu jivverifika jekk permessi simili għandhomx bżonn il-permess tal-Kunsill. Dan ser jiġi verifikat mad-Dipartiment tat-*Trades* u mal-Pulizija.

---

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li:-

8.8 l-kumpanija GO qed tiftaħ l-offerta tagħha lill-membri kollha tal-Kunsill. Min hu nteressat għandu jagħti d-dettalji lis-Seg. Eżekuttiva;

8.9 ġie kkuntatjat minn Xavier Hancock li jieħu ħsieb sport avventuruż f'Għawdex. Dan ħareġ bl-ideja li fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal ssir *adventure area*. Is-Sur Hancock qal li jista' japplika għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja biex isir dan. Il-membri qablu ma l-ideja u din ser tiġi diskussa aktar fid-dettall meta l-Kunsill ikun ser jibda' l-proġett tal-*playing field*;

8.10 nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru 2008 ser ikun hawn is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, l-Onor. Mario De Marco. Il-membri qablu li ssir żjara fi Pjazza San Ġorġ waqt li jkun għaddej ix-xogħol;

8.11 dwar iż-żjara mar-residenti Rabtin f'Nichelino, ma hemmx titjiriet fil-ġranet li ġew deċiżi biex issir din il-mawra. Is-Sindku suġġerixxa li ssir titjira *charter*. Il-membri qablu li jinġabu l-prezzijiet sabiex jinħareġ il-prezz uffiċċjali li għandhom iħallsu l-ġitanti u b'hekk il-Kunsill ma joħroġx fondi minn tiegħu;

8.12 kiteb lill-MTA sabiex jingħataw fondi li jkopru t-tindif *extra* li sar waqt il-ġranet tas-sajf li għadda fiċ-ċentru tar-Rabat.

---

8.12 Ġie mistieden jidħol fil-kamra l-Enginier Mario Galea. Dan ġie mistoqsi rigward il-kont li ntbgħat dwar is-sistema ta' dawl ġdida għall-Pjazza Indipendenza. Il-kont telgħa għal-€25,010.88. Il-membri qablu li dan ma kienx skond l-istima li ġiet offruta oriġinarjament. L-Enġinier ħa kopja ta' l-istima li għandu l-Kunsill u ser jivverifikha ma l-*electrician* tal-Kumitat Konġunt t'Għawdex għad-dawl tat-toroq. Sadanittant, il-membri ġew mgħarrfa li l-Perit tal-Kunsill ser japplika biex dawn il-fondi jinġabu mill-Urban Improvement Fund (UIF) tal-MEPA. L-Enġinier ġie rringrazjat u ħalla l-kamra.

---

8.13 Ġie mistieden jidħol fil-kamra Frankie Grech li jbiegħ mill-kaxxa 20 fuq il-monti tat-Tokk. Hu ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jdaħħal regolament li

juri li jekk familja, (bħal aħwa, jew il-konjuġi tagħhom), jużaw bejniethom (eżempju) erba' kaxxi ta' fuq il-monti, dawn ikunu jistgħu jintramaw minn xulxin fl-istess ħin u ma jkunx hemm għalfejn li l-erba' okkupanti tal-kaxxi jkunu fuq il-monti fl-istess ħin. Il-membri qablu mal-prinċipju u dan ser jiġi suġġerit lill-Avukat Domenic Micallef li hu Spettur tal-Pulizija fuq din il-materja. Is-Sur Grech talab ukoll li l-kaxxa numru 19 li tgħajjat lil Ġorġ Farrugia (ir-raġel ta' oħt Frankie Grech) u li dejjem kienet użata mill-familja Grech tkompli tintuża mill-familja Grech sakemm is-Sur Farrugia ma jerġax jitħajjar jibda jarmaha. Il-punt ta' prinċipju mqajjem hu li l-familja Grech mhux qed titlob li tarma kaxxa ta' ħaddieħor imma qed titlob li tarma kaxxa li ilha tgħajjat lill-familja tagħhom żmien twil. Il-Kunsill ukoll qabel mal-prinċipju u filwaqt li se jressaq it-talba lill-Ispettur Micallef se jara li jekk ikun hemm qbil, dan it-tibdil ikun ovvjament japplika għal sitwazzjonijiet simili (dejjem jekk hemm) fl-istess suq fil-beraħ.

Il-laqgħa spiċċat fis-2.30 ta' wara nofs in-nhar. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 5 ta Diċembru 2008 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Robert Tabone
Sindku

Miriam Attard
Sewg. Eżekuttiva